**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech)**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs.**

**Brian Zammit**

Numru 543/2015

Illum 23 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Brian Zammit**, iben Antonia neé Zammt, imwieled il-Pietà nhar l-10 ta' Lulju 1975, residenti gewwa Numru 46, "Maria Assunta", Triq il-Gardiel, Mosta, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 425975(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Lulju 2015 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkoltiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli *ai termini* tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tordna lil-imputat sabiex ihallas lir-Registratur tal-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-Process Verbal ta' l-Inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni *ai termini* tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 4) datat 7 ta' Lulju 2015 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 720/15 redatt mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli, liema Process Verbal jirrigwarda sejba ta' kultivazzjoni ta' tnax-il pjanta suspettata tal-cannabis ta' Brian Zammit I.D. No. 425975(M) gewwa "Palatino Garages", Triq Sir William Jervois, Naxxar (Dok. "AA 1" – *a fol.* 41 *et seq.*).

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 163) datat 9 ta' Novembru 2016 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) ordna li l-imputat jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanzi.

Rat illi, fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 165), il-Qorti hadet konjizzjoni tal-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali msemmi fil-paragrafu precedenti, f'liema seduta anke l-imputat ha konjizzjoni tal-istess Kontro-Ordni tal-Avukat Generali u ddikjara li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2017, lill-imputat Brian Zammit jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 187 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2017 (*a fol.* 206 *et seq.*), lid-difiza titlob li jigi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha.

Semghet, fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2018, id-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler (*a fol.* 210 *et seq.*) u rat is-*Social Inquiry Report* (Dok. "MFS 1" – *a fol.* 212 *et seq.*) redatt minnu.

Rat illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2018 (*a fol.* 261 *et seq.*), il-Qorti laqghet talba tal-imputat sabiex jigi appuntat psikologu ghall-ghan imsemmi f'Rikors tieghu pprezentat fis-27 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 257).

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2019, id-depozizzjoni moghtija mill-Psikologu Dr. Edward Curmi (*a fol.* 280 *et seq.*) u rat ir-rapport (Dok. "EC 1" – *a fol.* 282 *et seq.*) redatt minnu.

Semghet, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2020 (*a fol.* 306), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fl-4 ta' Dicembru 2020 (*a fol.* 308 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fl-20 ta' Jannar 2021 (*a fol.* 311 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2015, xehdet l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Justine Grech** (*a fol.* 19 *et seq.*) fejn bdiet billi qalet illi l-

Pulizija tal-iSkwadra ta' kontra d-Droga kienet irceviet informazzjoni kunfidenzjali li kien hemm persuna maskili li kien qed jaghmel xi movimenti misterjuzi gewwa "Palatino Garages" numri 31 u 33, li jinsabu fi Triq Sir William Jervois, Naxxar. Tispjega li l-Pulizija bdiet taghmel osservazzjoni u li l-mandat li kellhom gie ezegwit fuq l-imputat fis-7 ta' Lulju 2015 ghal habta tat-8.30am wara li PS 839 u PC 773 rawh jiftah wiehed mill-garaxxijiet. Tispjega li hekk kif l-imputat twaqqaf mill-Pulizija, huwa kkoopera maghhom u li hekk kif infetah il-garaxx fil-genb kien hemm kamra li kienet mibnija bl-injam u fiha nstabu sitt pjanti suspettati pjanti tal-*cannabis*. Tghid li l-kamra kienet infurrata bil-*foil* u li kien hemm dawl mis-saqaf, liema dawl kien ukoll infurrat bil-*foil*. Tixhed li hija marret fuq il-post, rat x'kien hemm u li nfurmat lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Josette Demicoli li ordnat li tinfetah Inkjesta Magisterjali fejn appuntat diversi esperti sabiex jassistuha fl-Inkjesta. Tispjega li wara li kienu marru tal-forensika biex jiehdu xi ritratti, gie skopert ukoll li kien hemm sitt pjanti ohra li fit-total kienu tnax. Tghid li kien hemm bieb li ma setghux jindunaw bih mal-ewwel minhabba li l-*foil* beda jirrifletti bid-dawl. Tispjega li s-*Scene of the Crime Officers* elevaw ukoll xi fliexken suspettati li kienu *fertilizers* u li giet elevata wkoll xkora b'weraq go fiha. Tghid li l-imputat gie arrestat u li tkompliet it-tfittxija fir-residenza li kien qed joqghod fiha l-imputat mal-*partner* tieghu, f'liema residenza gew elevati sitt *pots* zghar li fihom kien hemm xi pjanti zghar hafna li kienu wkoll suspettati pjanti tal-*cannabis* u gew elevati wkoll tliet flixken zghar hafna li kellhom xi zerriegha li kienu suspettati *cannabis*. Tghid li l-pjanti li nstabu fil-garaxx ma kienux kollha bil-*buds* u li l-pjanti ma kienux zghar pero' kienu naqra kbar. Tixhed li wara li saret it-tfittxija fir-residenza tal-imputat, l-imputat ittiehed l-ufficcju taghha biex tittiehidlu stqarrija u li qabel sar dan l-imputat ikkonsulta mal-avukat tieghu Dr. Edward Gatt. Tispjega x'qal l-imputat fl-istqarrija rilaxxata minnu, li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "JG 1" (*a fol.* 24 *et seq.*). Tghid li l-imputat ikkoopera maghhom u tahom ukoll informazzjoni li bdew jahdmu fuqha li pero' kien ghad ma kellhomx rizultati fuqha.

In <u>kontro-ezami</u> taqbel li kien hemm tnax-il pjanta. Ghad-domanda jekk hux minnu li tnejn biss mill-pjanti kellhom il-*buds*, wiegbet li sa

fejn taf hi tnejn biss kien hemm. Tixhed ukoll: *"Jien meta mort fuq il-post konna nafu bis-sitta l-ewwel, ma stajniex inkunu nafu bis-sitta l-ohra ghax il-kamra kienet infurrata bil-foil u beda jirrifletti"* (*a fol.* 22). Ghaddomanda jekk hux minnu li whud mill-pjanti kienu malandati hafna, wiegbet li hija ma tifhimx fil-pjanti pero' qalet l-imputat gibdilha l-attenzjoni li xi ftit minnhom kienu mardu. Tghid li l-imputat qal li dawk kienu ghall-uzu personali tieghu u tispjega li l-l-ammont ta' pjanti, li tghid li kienu tnax u li kienu kbar, kienu hafna ghall-uzu personali.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2015, xehed ukoll **PS 839 Stephen Micallef** (*a fol.* 27 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Lulju 2015 kellhom struzzjonijiet mis-superjuri tieghu sabiex jezegwixxu mandat fil-konfront tal-imputat peress li kellhom informazzjoni li go blokk bl-isem "Peprina", li tinsab fi Triq Sir William Jervois, in-Naxxar l-imputat kellu xi garaxx jew aktar minn wiehed li fih kien qed izomm xi sustanzi illegali. Jixhed li hu flimkien ma' PC 773 u PC 1311 ghamlu jiem ta' osservazzjoni u li hekk kif fis-7 ta' Lulju 2015 lemhu vettura li fiha kien hemm l-imputat diehla fil-blokk tal-garaxxijiet bl-isem "Palatino", dan gie mwaqqaf. Jghid li l-imputat beda jikkoopera mal-ewwel. Spjega li l-imputat qallu li kellu garaxx wiehed pero' wara ammetta li kellu garaxx iehor. Jixhed li f'dan il-punt l-imputat qallu li hemm gew kellu xi pjanti tal-*cannabis* u qallu wkoll li kien lest li jikkoopera. Jghid li malli fethu l-garaxx bin-numru 33 fl-imsemmija blokk, instab *partition* tal-injam fejn il-kamra kienet imdawwla hafna u kien hemm ammont ta' pjanti *cannabis* li t-tul taghhom kien ivarja minn metru jew qrib metru u nofs. Jghid li giet prezervata x-xena, giet infurmata l-iSpettur u li nfethet Inkjesta Magisterjali. Jghid li tal-forensika elevaw l-affarijiet kollha. Fir-rigward tal-garaxx bin-numru 31, jghid li kien hemm trakk bil-haxix li ma kien hemm xejn elevat minnu.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2015, xehed ukoll **PC 773 Ryan Tonna** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn qal li fis-7 ta' Lulju 2015 kienu qed jistennew lill-imputat fi Triq Sir William Jervois, Naxxar peress li kellhom Mandat ta' Tfittxija fuq zewg garaxxijiet li jinsabu f'"Palatino Garages", liema garaxxijiet kellhom in-numri 31 u 33. Jghid li l-imputat mar b'vettura ghall-habta tat-8.30am u li hekk kif dahal fil-

garaxx, hu (PC 773) mar fuqu. Jispjega li tfittxija li saret minnu fil-vettura u fuq il-persuna tal-imputat irrizultat fin-negattiv. Jghid li l-imputat qalilhom li kien ha jikkoopera maghhom. Jispjega li saret tfittxija fil-garaxx bin-numru 31 fejn ma kien hemm xejn u minn tfittxija li saret fil-garaxx bin-numru 33 kien hemm tnax-il pjanta suspettata *cannabis*. Jghid li mbaghad marru tal-forensika u komplew b'xogholhom u l-pjanti gew elevati. Jispjega li gol-garaxx kien hemm qisha kamra maghluqa bl-injam b'bieb u li gewwa kien hemm il-pjanti u kien hemm ammont ta' dawl.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2015, xehed **PS 36 Sergio Azzopardi** (*a fol.* 61) fejn spjega li fis-7 ta' Lulju 2015 kien gie nominat bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Josette Demicoli fir-rigward tal-Inkjesta Magisterjali mmexxija minnha. Huwa pprezenta r-relazzjoni redatta minnu li giet immarkata bhala Dok. "SA 1" (*a fol.* 62).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2015, xehed ukoll **PC 302 Bryan Alken** (*a fol.* 63) fejn spjega li fis-7 ta' Lulju 2015 kien gie nominat bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali. Jghid li dakinhar acceda gewwa l-post in kwistjoni fin-Naxxar flimkien ma' PS 36 Sergio Azzopardi. Jixhed li hu ha r-ritratti necessarji li gew ezebiti flimkien mar-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "BA 1" (*a fol.* 64).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2015, xehed ukoll **PS 635 Alan Calleja** (*a fol.* 65) fejn beda billi qal li fis-7 ta' Lulju 2015 kellu struzzjonijiet mill-iSpettur Grech sabiex imur flimkien mal-imputat fir-residenza bin-numru 46, Marija Assunta, Triq il-Gardiel, Mosta sabiex issir tfittixja hemm. Jghid li minn go *box room* go din ir-residenza giet elevata forma ta' komodina zghira li go fiha kien hemm apparat ta' dawl imwahhal go fiha, xi *halogen lamps* u li kien hemm xi *pots* bil-pjanti zghar hafna suspettati li kienu pjanti tal-*cannabis*. Jghid li l-affarijiet gew elevati. Jispjega li aktar tard fl-istess gurnata marru gewwa The Strand, f'tas-Sliema fejn kien hemm vann tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni KAQ 507 fejn saret tfittxija fih u fejn instabu affarijiet relatati mad-dawl

bhal *wires*, bozoz u *holders*. Jghid li dawn gew mghoddija lill-iSpettur Justine Grech.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015, xehed ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 118) fejn spjega li kien gie mahtur mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli sabiex jaghmel analizi fuq pjanti suspettati droga li nstabu fis-7 ta' Lulju 2015 gewwa garaxx bin-numru 33 gewwa "Palatino Garages". Jixhed li fl-14 ta' Lulju 2015 kien gie moghti dokument wiehed u li fil-15 ta' Lulju 2015 inghata erbatax il-dokument iehor minn PS 36 Sergio Azzopardi. Spjega li ghamel analizi fuq il-kontenut tal-ezebiti li jghid li kienu jikkonsisti fi pjanti u li bhala konkluzjoni fuq estratti mehuda mill-weraq tal-pjanti rrizultaw pozittiv ghal *tetrahydrocannabinol*. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS 1" (*a fol.* 87 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 247), spjega li fl-14 ta' Lulju 2015 kien gie moghti dokument wiehed minn ghand l-iSpettur Justine Grech u li l-ghada 15 ta' Lulju 2015 gie moghti erbatax-il dokument iehor minn ghand PS 36 Azzopardi. Ikkonferma li kienet ghaddiet gimgha mindu nfethet l-Inkjesta Magisterjali. Mistoqsi jghid jekk jafx fejn kienu qed jinzammu dawn il-pjanti sakemm gew ghandu jghid li ma jafx pero' jghid li l-procedura hi l-ewwel tingabar mis-SOCOS imbaghad isir kuntatt u fl-ewwel cans li *"jkollna ahna jghaddulna l-ezebiti"* (*a fol.* 248). Jghid li kienu storjati f'kundizzjoni tajba peress li f'dan il-kaz l-pjanti kienu ghadhom fi stat tajjeb u li ma kienx hemm moffa. Ikkonferma li fejn hemm miktub *"top cupboard"* (*a fol.* 90) fir-rapport tieghu dik tkun meta s-SOCOS jew id-*Drug Squad* jelevaw l-evidenza jaghmlu karta minn fejn elevawha u jiktbuha u li hu kiteb dak li kien hemm miktub fl-*evidence bag*. Ghad-domanda: *"L-ID Card Number li ndikajt inti f'din l-ircevuta, din inti ghamiltha?"* (*a fol.* 250), wiegeb: *"96? Le dik l-informazzjoni tiktibha s-Scene of Crime u jien just niffirma a fol. 97 li rcevejt l-ezebiti li hemm imnizzel a fol. 97. Id-dettalji tal-persuna ma nidholx fiha dik il-Pulizija u s-Scene of Crime"* (*a fol.* 250).

In <u>ri-ezami</u> (*a fol.* 250), ghad-domanda ta' kemm gew mghoddija pjanti lilu f'dan il-kaz, ghamilha cara li kien hemm total ta' tnax-il

pjanta u li l-piz u r-rizultat taghhom jirrizulta fuq pagna 4 tar-rapport tieghu.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015, xehdet ukoll **Karen Cremona** (in rapprezentanza ta' Transport Malta – *a fol.* 119) fejn qalet li vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAQ 507 hija vettura Toyota Hilux ta' kulur abjad registrata f'isem Brian Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 425975(M) u li kienet ilha hekk registrata f'ismu mid-9 ta' Lulju 2012. Ezebiet d-dokumentazzjoni li xehdet fuqha li giet immarkata bhala Dok. "KC 1" (*a fol.* 110 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015, xehed ukoll **PC 482 Keith Muscat** (*a fol.* 120) fejn qal li fis-7 ta' Lulju 2015 l-ewwel saret tfittxija mal-imputat fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni KAQ 507 fejn instabet kaxxa b'xi affarijiet relatati mad-dawl (bhal bozoz u *wires*) u wara saret tfittxija fir-residenza tal-imputat fil-Mosta fejn giet elevata komodina zghira b'xi *pots* zghar li kellhom *"stems zghar hafna"* (*a fol.* 120).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2016, xehed **PC 1311 Gregory Pizzuto** (*a fol.* 133) fejn spjega li fis-7 ta' Lulju 2015 kien qieghed osservazzjoni fi Triq Sir William Jervois u li ghall-habta tat-8.30am hu kien qed idur *patrol* bil-vettura meta l-kollegi tieghu PC 773 u PS 839 li kienu qed jaghmlu osservazzjoni f'dik it-triq ezatt infurmawh li kienu osservaw vettura diehla go "Palatino Garages". Jghid li hu mar mal-ewwel fuq il-post fejn sab lill-imputat li kien gie arrestat. Jixhed li l-imputat mal-ewwel informa lis-Surgent tieghu li fil-garaxx bin-numru 33 kellu kamra *home-made* bil-*lighting system* li kienet attrezzata apposta biex tkabbar il-pjanti suspettati *cannabis grass*. Jghid li go din il-kamra kien hemm tnax-il pjanta suspettati *cannabis grass* u barra mill-kamra kienu hemm xi *fertilizers* u xi zerriegha suspettati li kienu tal-pjanti tal-*cannabis grass*.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2016, xehed ukoll il-**Perit Richard Aquilina** (*fol.* 134) fejn meta gie muri Dok. "RA" (*a fol.* 51 *et seq.*) qal li fis-7 ta' Lulju 2015 kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jaghmel pjanta tal-post fejn instabu x-xtieli tal-*cannabis*. Jghid

li mar fuq il-post, ghamel pjanta u fiha ndika dak kollu li nstab, inkluz il-*layout* tal-*garages* komuni ma' haddiehor. Jispjega li fil-pjanta hemm indikat numri li ntuzaw mis-*Scene of the Crime* tax-xtieli li gew elevati. Jghid li minhabba s-shana intensiva li kien hemm fil-kamra, tant li anke beda jittappan in-nuccali u li l-*camera* bdiet tieqaflu, li x-xtieli kellhom jinhargu barra fejn gew imkejla u ffotografati fil-*common part*. Ikkonferma l-kontenut ta' Dok. "RA" (*a fol.* 51 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2016, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Nikolai Sant** (*fol.* 142) fejn filwaqt li ghamel riferenza ghall-istqarrija (Dok. "JG 1" – *a fol.* 24 *et seq.*) qal li huwa kien xhud tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat. Jghid li qabel bdiet l-interrogazjoni, l-imputat tkellem ma' Dr. Edward Gatt. Ikkonferma li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija u kien anke ta xi informazzjoni lill-iSpettur Justine Grech u li kien deher li iddispjacih fir-rigward ta' kultivazzjoni ta' xi pjanti fil-garaxx tieghu stess.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2016, xehed **Dr. John Seychell Navarro** (*fol.* 160) fejn ezebixxa r-rapport rigward elenku tal-assi tal-imputat, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "JSN 1" (*Envelope Loose*).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2017, xehed l-imputat **Brian Zammit** minn jeddu u b'mod volontarju (*fol.* 187 *et seq.*) fejn beda billi jispjega li dakinhar tal-akkadut hekk kif huwa kien diehel fil-garaxx, mar ragel jigri fuqu li qallu li kellu mandat peress li kellhom bzonn jaghmlu tfittxija. Jghid li huwa kkoopera mal-Pulizija li kien hemm tant li nfetah il-garaxx u l-Pulizija bdew jaghmlu spezzjoni. Jghid li fil-garaxx kien hemm sitt pjanti u li lilu l-Pulizija hallewh barra ghal madwar saghtejn fid-*drive in* tal-garaxx. Jispjega li mar xi hadd ikejjel gewwa u li meta marret l-iSpettur Justin Grech qaltlu biex imur maghhom id-*Depot* halli jkellmuh. Jghid li l-garaxx inghalaq, hadu c-cavetta u mar id-*Depot*. Jispjega li fil-kamra fejn ittiehed waqt li kien id-*Depot* gie li kien hemm tliet persuni pajzana u gie li kien hemm erbgha u li dawn il-persuni bdew ikellmuh u jistaqsuh xi domandi. Jghid li wara xi hin ittiehed go kamra ohra sabiex jaghmel stqarrija. Ghad-domanda: *"[W]aqt li bdew l-*

*interrogazzjoni tieghek, il-Pulizija avvicinawk biex inti tkun tista' jkollok prezenti mieghek avukat?"* (*a fol.* 188), wiegeb li ma jidhirlux. Jghid li qatt ma kien assistit b'avukat. Jixhed li waqt li kienet qed tittiehidlu l-istqarrija kien hemm l-iSpettur Justine Grech u l-iSpettur Nikolai Sant. Jghid li waqt li kien qed jigi mistoqsi, mohhu ma kienx qieghed sewwa. Mistoqsi ghala, wiegeb: *"Kont parti ibblenkjajt, ma kontx naf x'inhu jigri, kelli xokk fuqi qed tifhem. U qisni, kif taqbad tghid, ghalli bdiet issaqsini jien bdejt nwiegeb ghal dak li gara dakinhar"* (*a fol.* 189). Mistoqsi jghid jekk kienx qed jifhem id-domandi, wiegeb: *"Mhux kollox, certu diskors tqil jien ma nifhmux. Kemm-il darba hrigna mill-ufficju u mmorru nsaqsu lill-iSpettur l-iehor dak li fih tifel insejt x'jismu, Theuma"* (*a fol.* 189). Ikkonferma li l-Assistent Kummissarju Dennis Theuma beda jispjegalu dak li kien qed jintqal u jghid li: *"kien hemm diskors tqil li jien ma nifhumx, jien skola ma nafx hafna. Insomma u beda jispjegali u jispjegali imma xorta ma bdejtx nifhem id-diskors"* (*a fol.* 189). Mistoqsi jghid ghala huwa ffirma l-istqarrija la darba ma bediex jifhem u mistoqsi jghid jekk lill-iSpettur qalilhiex li ma kienx qed jifhem, wiegeb: *"L-istatement iffirmajtu ghax li staqsietni rigward li kien hemm fil-garaxx u dawk l-affarijiet"* (*a fol.* 189).

Mistoqsi dwar tfulitu u ghala waqa' fil-vizzju tad-droga, wiegeb li huwa ma jafx min hu missieru u li kemm-il darba pprova jfittxu peress li mhux Malti. Jghid li ommu dejjem kienet tghidlu li kien bahri hawn Malta u li kien ta' nazzjonalita' Ingliza. Jixhed li meta ommu regghet izzewwget lil certu Frans Farrugia *"kienet qaltlu li dak huwa hija ghalija, mentri jien ma kontx"* (*a fol.* 189). Jghid li dawn l-affarijiet huwa sar jafhom minn ghand iz-zijiet tieghu meta kiber. Jghid li dan ir-ragel li semma hadu fuq demm id-dars, ma accettax li jista' jrabbieh hu u kien jaqla' hafna swat minn ghandu tant li jghid li kisirlu jdejh darbtejn. Jghid li hu (l-imputat) kien joqghod ghal dak kollu li kien jghidlu dan ir-ragel u jispecifika li f'dak iz-zmien ma kienx hemm *social workers* jew fejn tista' titkellem biex seta' jirrappurtah. Jghid li dan ir-ragel kien jiehdu ghax-xoghol mieghu minflok kien imur l-iskola u li hu ma kienx trabba kif suppost. Jghid li meta kompla jikber, il-problemi komplew jikbru mieghu u li meta kellu madwar erbatax (14)-il sena lill-ommu l-imputat qalilha li xtaq li Alla jiehdu u li ma xtaqx li jkompli jghix f'dik il-hajja u

beda jistaqsi ghala kien daqshekk zvinturat u ghala dan il-bniedem ma kienx jahmlu.

Jghid ukoll li kien hemm zmien fejn hu spicca l-istitut. Jispjega li peress li ma kellux trobbija tajba, lil Fr. Mike Pulis kien qallu biex ipoggieh go skola tas-snajja u li kien intbaghat gol-iskola ta' St. Andrews, f'liema skola kien hemm tfal imqarbin u *"jigifieri l-hajja negattiva ta' tifel li kont qisha baqghet mieghi"* (*a fol.* 191). Jixhed li peress li missieru tar-rispett ma kienx bniedem li jista' jrabbi lilu jew lil hutu, ta' erbatax-il sena spicca telaq mid-dar u mar jghix ghand certu Patri Adriano li kellu dar Fleur-De-Lys li fiha kienu jmorru z-zghazagh.

Jispjega li kompla jikber, iltaqa' ma' tfajla u biex jitlaq mid-dar kien ikkonvinca lill-genituri taghha biex imur jghix maghha. Jghid li kellu dsatax-il sena u li mar jghix ma' din it-tfajla u li zzewwgu wara li damu madwar disa' snin gharajjes. Jghid li damu biss erba' xhur mizzewwgin peress li z-zwieg sfaxxa fix-xejn u sseparaw. Jixhed li wara s-separazzjoni l-inkwiet tieghu affettwah fuq ix-xoghol tant li beda jitraskura x-xoghol u ma bediex imur ghax-xoghol u l-problemi kibru aktar. Jghid li beda jaghmilha ma' certu nies, beda jinghalaq ghalih wahdu u beda jaghmilha ma' familja u kien imur ghandhom. Jghid: *"jien qabel qatt ma, dejjem kont kontra l-haxixa imma dawn kienu jpejpu u hu nifs illum u hu nifs l-ghada, fl-ahhar waqajt"* (*a fol.* 190). Jispjega li peress li ma kienx qed jahdem u ried ipejjep u l-vizzju rikkbu, spicca wasal ghal dan il-kaz u b'hekk iddobba xi zerriegha biex irabbieha hu biex ikun jista' jpejjipha. Mistoqsi jiftakarx minn fejn kien xtraha, wiegeb li ddubba minn ghand habib tieghu. Jghid li beda jrabbieha kif bdew jghidulu u li anke ccekkja fuq *YouTube*.

Jghid li llum il-gurnata hajtu nbidlet u li llum nduna li ghamel zball, biddel ix-xoghol u jghid li jahdem *self-employed* fil-kostruzzjoni. Jixhed li ghamel kors ta' sena sabiex jottjeni l-licenzja ta' bennej sabiex ikun kopert mal-MEPA biex ikun responsabbli ghal dak li jkun qed jaghmel u li kien ghamel it-test tat-teorija u li kien qed jistenna r-rizultat. Jghid li llum il-gurnata jhoss li huwa responsabbli tant li jghix ma' mara u jrabbu t-tifel taghha flimkien.

In kontro-ezami jghid li, waqt li kienet qed issir it-tfittxija, kien ix-xufier li ma jiftakarx x'jismu li kien qallu biex ma jidholx u biex joqghod barra. Jghid li dan il-persuna kellu xaghru mqaxxra u li kien naqra qsajjar. Jispjega li l-garaxx huwa ta' zewg vetturi u mistoqsi jghid jekk setghax jara x'kien qed isir, wiegeb fin-negattiv u li kien imkixkel bil-*mobile* icempel u ghad-domanda min beda jcempillu dak il-hin, wiegeb: *"Il-mobile wiehed fl-iehor hux il-call. Ma hallinix narah lili dak il-hin"* (*a fol.* 192). Mistoqsi jghid ghala ma staqsiex ghaliex kien se joqghod barra, wiegeb li ma staqsiex u dana peress li ladarba gie moghti ordni biex joqghod barra u hu kien jinsab taht arrest ma setax joqghod ihaqqaqha. Jghid li ma zammu hadd milli jistaqsi ghaliex ma setghax jidhol. Saritlu riferenza ghad-depozizzjoni tieghu in ezami meta qal li kien hemm sitt pjanti u saritlu wkoll riferenza ghar-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut fejn dan qal li kien hemm bieb u li kien hemm tnax-il pjanta b'kollox u mistoqsi jghid jafx kemm kellu pjanti, wiegeb: *"Sitta niftakar"* (*a fol.* 193). Mitlub jikkonferma li meta ttiehed id-*Depot* u beda jigi mitkellem li hu nghata d-drittijiet kollha u anke nghata ittra tad-drittijiet u gie wkoll mistoqsi jghid jekk riedx ikellem avukat u li hu kellem lil Dr. Edward Gatt, wiegeb li lil Dr. Edward Gatt hu qatt ma kellmu d-*Depot* tant li jghid li Dr. Gatt ma resaqx lejn id-*Depot* waqt li kien qed jaghmel l-istqarrija. Jikkonferma li lil Dr. Edward Gatt kellmu qabel ma ttella' l-Qorti. Mitlub jikkonferma li nghata d-drittijiet kollha u li seta' jkellem avukat, wiegeb: *"Ghidtli biex inkellem avukat"* (*a fol.* 194). Ma jiftakarx li nghata ittra bid-drittijiet tieghu.

Illi fir-rigward tan-nies li jghid li bdew dehlin u hergin waqt li kienet qed tittiehed l-istqarrija tieghu, jghid li kien qed jiddejjaq li kien hemm xi nies dehlin fl-ufficcju. Mistoqsi jghid kif kien qed jiddejjaq, wiegeb: *"Ezempju jekk jien qed nitkellem hawnhekk bhalissa qed taghmel ix-xiehda tieghi u jidhol xi hadd minn hemm barra, idejjaqni"* (*a fol.* 194). Jaqbel li waqt l-interrogazzjoni kien qed jigi mitkellem mill-iSpettur Justine Grech u mill-iSpettur Nikolai Sant. Jghid li meta beda jigi nterrogat u ma kienx qed jifhem xi diskors kien imur l-Assistent Kummissarju jfehmu. Jghid li ma kienx jifhem id-diskors tqil li kien qed jinghad. Mitlub jghid jaqbilx li kien qed jigi mitkellem bil-Malti pur u kliem semplici, wiegeb: *"Ezatt Malti pur"*

(*a fol.* 194). Mistoqsi jghid x'kien il-kliem li ma fehemx, wiegeb li kien hemm certu diskors Malti li hu ma jifhmux. Mistoqsi jghid ghala dak il-hin ma gibidx l-attenzjoni li ma kienx qed jifhem, wiegeb: *"Ghidtlek jien, ghidtlek dan id-dikors"* (*a fol.* 194). Jghid li certu diskors li beda jigi mistoqsi minnha dakinhar ma fehmux. Mistoqsi jghid ghal liema diskors, wiegeb li ma jistax jiftakar. Jghid: *"Li naf li waqt li bdejtu tkellmuni kien hemm diskors li jien ma stajtx nifhmu u mhux darba morna ghand Theuma ghand l-iSpettur Theuma, jekk m'iniex sejjer zball, morna xi tliet darbiet biex jipprova jfehmni"* (*a fol.* 195). Mistoqsi jghid jekk jiftakarx il-kliem jekk huwa riedx jibbenifika minn Artikolu 29, wiegeb: *"Li semmejt issa, Section 29 u jekk ma rridx nibbenifika. Lanqas biss naf x'inhi din il-kelma, jien diskors hekk li jien ma nifhmux"* (*a fol.* 195). Jghid li kemm lilha u kif ukoll lill-iSpettur Sant qalilhom li certu diskors ma kienx qed jifhmu.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kien qed jifhem id-domandi kollha li kienu qed isurulu mill-avukat tieghu, mill-iSpettur u mill-Qorti waqt id-depozizzjoni tieghu fil-Qorti, wiegeb fl-affermattiv. Ghad-domanda: *"Jigifieri l-biza' tieghek jew ghaliex ma kontx lucidu, ma kontx car, minn fejn kien gej?"* (*a fol.* 196), wiegeb: *"Kelli xokk fuqi, plus hekk mela ha nfakkrek, jekk m'iniex sejjer zball, kont ghidtli: "Issa Brian nitilghu l-Qorti, ammetti, tehel dak li ghandek tehel u barra bid-daqq", vera?"* (*a fol.* 196). Minkejja li Spettur Grech cahdet li qalet dan il-kliem, l-imputat kompla jinsisti li dan il-kliem qalitulu l-iSpettur Grech.

Mitlub jikkonferma jekk l-ideat kif jikkoltiva l-pjanti, inkluz li kellu *extractor*, gabhomx mill-*YouTube* li huwa ra, wiegeb fl-affermattiv. Ikkonferma li ghandu xi postijiet li ghandu l-*loans* fuqhom u mistoqsi jghid kemm ilu ghandu dan il-*loan*, wiegeb li dan ilu ghandu seba' snin. Meta nghad lilu li meta ttiehditlu l-istqarrija huwa ddikjara li huwa dizokkupat u mistoqsi jghid kif kien ihallas dan il-*loan*, l-ewwel staqsa xi tfisser il-kelma *"dizokkupat"* u meta nghad lilu xi tfisser, wiegeb li kien qabad ibiegh il-haxix naqriet zghar biex ivinci l-*loan*. Jghid li kien jaghmel d-depozitu l-bank jew billi jmur hu jaghtihom lill-kaxxiera u billi jpoggiehom fil-*card*. Mistoqsi jghid kemm kien jaqla' mill-bejgh tal-haxix, wiegeb li mill-haxix ma kellux profit u jghid li kien ibiegh mitejn Euro (€200.00)

kuljum. Jghid li, jekk mhux sejjer zball, ta' dan ghandu x-xhieda l-*cash register*. Mistoqsi jghid jekk qattx ghamel xi xoghol iehor apparti hekk, wiegeb li qabel kien jahdem fil-kostruzzjoni. Mistoqsi jghid kemm ilu dan, wiegeb li, jekk mhux sejjer zball, fis-sena 2009 kien mar l-Ingilterra u kien biegh l-ghodda kollha u li fis-sena 2010 gie Malta u biex rega' beda x-xoghol tal-kostruzzjoni kienet naqra iebsa ghax ma kellux ghodda. Jghid li mar jahdem il-WasteServ fejn dam sentejn u minhabba f'hekk kien ha *loan* biex jixtri post u li wara l-WasteServ kif xtara l-post beda jerga' jaghmel kuntatti mal-kuntratturi u beda jmur jahdem *sub-contracting* imma xorta wahda biddel ix-xoghol u kien rama vann u beda jbiegh il-haxix.

Mistoqsi jghid meta beda jbiegh il-haxix, jghid: *"Ta' sentejn ilu meta ftit qabel xi tliet xhur qabel ma gara dan il-kaz"* (*a fol.* 198). Ghad-domanda: *"U jekk inti kont taghmel mitejn Euro (€200.00) kuljum u kellek il-loan, trid taghmel il-hajja, id-dawl tal-garaxx, id-dawl tad-dar, kif kont tmantni lilek inniffsek?"* (*a fol.* 198), wiegeb: *"Kont inkopri lili nniffsi billi kont mohhni hemmhekk, nghid ezempju illum warrabt mitt Euro (€100.00) u l-ghada warrabt hamsin (€50.00) u dejjem inwarrab ghall-ispejjez li jkolli"* (*a fol.* 198). Jghid li bhala *loan* kellu tliet mitt Euro (€300.00) fix-xahar. Jispecifika li kien ibiegh mitejn Euro (€200.00) u ghad-domanda kemm kien jaqla', wiegeb: *"Il-qliegh nista' nghidu fuq il-haxix seventy five Euro (€75.00) kuljum ghandu jkollok seventy five Euro (€75.00) kuljum mill-haxix ghax inti bejn li tarmi, cold room ma kelliex, bejn li tarmi u bejn li tmur naqra hazin. Il-haxix hu prodott haj, trid tbieghu mal-ewwel ghax jitlaqlek"* (*a fol.* 198).

Mistoqsi jghid x'ma kienx qed jifhem meta bdiet tittiehidlu l-istqarrija, wiegeb: *"Li nista' nghidlek li ma bdejtx nifhem, id-diskors bhalissa ma nistax niftakru. Jien dak inhar bdejt nghidlek: "Din mhux qed nifhimha u din mhux qed nifhimha" u mbaghad kien jigi l-iSpettur Theuma u jispjegali hu. Sewwa qed nghidlek"* (*a fol.* 199). Fuq domanda tal-Qorti jekk it-twegibiet tieghu fl-istqarrija tieghu, wegibhomx hu, wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk kellux xi dubju fuq dak li qal, wiegeb li kien taht xokk.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018, xehed l-**Ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler** (*fol.* 210 *et seq.*) fejn ezebixxa *Social Inquiry*

*Report* (Dok. "MFS 1" – *a fol.* 212 *et seq.*) redatt minnu fil-konfront tal-imputat. Jghid li mill-informazzjoni migbura ghall-fini tar-rapport jirrizulta li llum il-gurnata tezisti certu stabbilita' f'hajjet l-imputat. Isemmi li fl-aspett tax-xoghol jirrizulta li l-imputat huwa *self-employed* fil-qasam tal-kostruzzjoni u li tul hajtu l-imputat dejjem hadem b'mod regolari. Jghid li l-imputat jinsab f'relazzjoni mas-siehba tieghu ta' tliet snin, li jghixu taht l-istess saqaf u jidher li s-siehba tal-imputat hija ta' *support* ghalih. Jghid li ghalkemm fil-passat kien hemm *issues* ta' abbuz ta' sustanzi, l-indikazzjonijiet huma li fil-prezent (u anke permezz ta' *test* tal-awrina) huwa *clean*. Jaghmel riferenza ghall-fedina penali tal-imputat u, minbarra s-sentenza ta' tliet snin habs f'zoghzitu, jghid li t-trobbija tal-imputat ma kinitx wahda felici u li meta kien izghar kien vittma ta' swat kontinwu minn ghand membru tal-familja. Jghid li skond l-imputat dan l-abbuz kellu effett fuqu u minbarra li affettwah b'mod negattiv f'dak li jirrigwarda l-formazzjoni akkademika tieghu, affettwah ukoll psikologikament. Jghid li bhala pjan ta' kura gie suggeriet li l-imputat ifittex kuntatt ma' psikologu sabiex jindirizza l-effetti tat-trawma li hu ghadda minnha kif ukoll sabiex jindirizza certu *issues* ta' rabja li huwa ghandu fil-konfront ta' certi membri tal-familja tieghu.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2019, xehed **Dr. Edward Curmi** (*a fol.* 280 *et seq.*) fejn spjega li huwa hejja r-rapport redatt minnu fil-konfront tal-imputat. Jghid li baghat lill-imputat jaghmel certu testijiet ghand assistent tieghu biex jaghraf x'inhu l-istat mentali tieghu specjalment fuq certu livelli ta' IQ u li dawn ghamilhom ghax is-soltu t-testijiet li jaghmel fuq il-persuna li jkun inkarigat jassessja jrid ikollu livell ta' intelligenza partikolari. Jghid li meta beda jitkellem mal-imputat, beda jinduna li kien hemm certu diffikultajiet biex l-imputat jifhem certi domandi u dana apparti li seta jghidlu hafna fuq it-trobbija tieghu. Jghid li s'hemm ma kellux problemi imma meta gie biex jaghmillu xi tliet mija u hamsin mistoqsija, kien jaf li l-imputat ma kienx ser jirnexxielu jirrispondihom kif suppost. B'hekk dak il-hin hass il-bzonn li jaghmillu test mentali biex jara l-livell ta' IQ tieghu. Jispjega li kellu wkoll c-cans li jitkellem man-nies ta' SATU meta l-imputat kien il-

habs u jsemmi lil Dr. Montebello biex ikun jista' jifhem ftit ahjar il-kaz tieghu.

Jispjega li dak li hareg bic-car mit-test ta' l-IQ huwa li l-imputat ghandu diffikultajiet u jghid: *"jigifieri meta inti thares lejn is-setturi kollha, meta taghmel it-test ta' l-IQ tohrog bic-car illi l-full scale ta' l-IQ tieghu huwa 80, mentri persuna normali s-soltu dik l-iscale tkun 95 to 100"* (*a fol.* 280-281). Jghid li b'hekk hemm elementi cari li juru li l-mod kif jirraguna l-imputat u l-mod kif jahseb ma jfissirx li qed jifhem dak li kollu li qed jaghmel. Jixhed: *""Ma jahsibhomx" nghidu bil-Malti forsi kelma iktar, u ghalhekk dahal hafna drabi fl-inkwiet"* (*a fol.* 281). Jghid: *"Biex tghaxxaqha jekk wiehed jisma' l-istorja tieghu personali fil-hajja tieghu, it-trobbija, hemm iktar minn element wiehed li juru sfortunatament trobbija hazina hafna. Allura jekk diga' issa jista' jkun li l-intellet tieghu giet affettwata mit-trobbija tieghu jew hu twieled biha?"* (*a fol.* 281). Jixhed: *"Jien nahseb hemm miz-zewg nahat: hemm in-nature u n-nurture. In-nature hu li jkun twieled b'certu, ejja nghidu hekk, element bijologiku imma jekk inti tara, u ma rridx nidhol fid-dettall, imma hemm certu sitwazzjonijiet u esperjenzi koroh li grawlu li juru bic-car li huwa vittma ta' domestic violence bhala tifel u hemm aghar minn dik. Hemm sitwazzjonijiet ohra li forsi tista' tara fil-konkluzjonijiet specjalment jekk wiehed jara punt fil-konkluzjonijiet number 4"* (*a fol.* 281). Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "EC 1" (*a fol.* 282 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-Pulizija kellhom mandat fil-konfront tal-imputat u b'hekk bdiet taghmillu osservazzjoni fejn huwa ghandu zewg garaxxijiet, fi Triq Sir William Jervois, Naxxar u li in segwitu tal-imsemmi mandat l-imputat gie arrestat fis-7 ta' Lulju 2015. F'wiehed mill-garaxxijiet li nfethu b'cavetta li kellu fuqu l-imputat instabu numru ta' pjanti li wara rrizulta li kienu *cannabis*. Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat gew elevati *pots* zghar bi pjanti zghar hafna li kienu suspettati li huma pjanti

tal-*cannabis* u gew elevati wkoll tliet flixken zghar hafna li kellhom xi zerriegha li kienu wkoll suspettati *cannabis*.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat u l-imputat gie akkuzat li kkoltiva l-pjanta *cannabis*, b'pussess aggravat tal-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha, b'pussess semplici tal-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u kif ukoll b'pussess semplici ta' kokajina.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjoni *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li jkun opportun li taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-istqarrija (Dok. "JG 1" – *a fol.* 24 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fis-7 ta' Lulju 2015

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li d-dritt ghall-assistenza legali <u>qabel</u> l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 (u cioé qabel l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu) u minkejja li l-imputat inghata dan id-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat tant li huwa ha dan id-dritt u tkellem ma' Dr. Edward Gatt, jirrizulta li l-imputat ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti mieghu <u>waqt</u> it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli fiz-zmien meta ttiehdet l-istqarrija in kwistjoni.

Illi l-Qorti hija konxja ta' dak li gie deciz ricentement mill-Qrati Maltin fir-rigward ta' stqarrijiet rilaxxati minn persuni arrestati li nghataw id-dritt li jikkonsultaw ruhhom ma' avukat qabel ittiehdet l-istqarrija taghhom pero' l-avukat ma setghax ikun prezenti waqt it-tehid ta' tali stqarrija (bhal fil-kaz odjern). Il-Qorti hija konxja, fost l-ohrajn, ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella** u kif ukoll ta' dak li gie deciz mill-istess Qorti aktar ricentement fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello** deciza fis-27 ta' Marzu 2020.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021 (*a fol.* 323), id-difiza talbet lill-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija (Dok. "JG 1" – *a fol.* 24 *et seq.*)

rilaxxata mill-imputat *stante* li l-imputat ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti mieghu waqt it-tehid ta' tali stqarrija.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-fatt li l-imputat ma kellux id-dritt li jkollu avukat mieghu waqt it-tehid tal-istqarrija tieghu, tenut kont tad-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler u mill-Espert Psikologu Dr. Edward Curmi, u tar-rapporti redatti minnhom (Dok. "MFS 1" – *a fol.* 212 *et seq.* u Dok. "EC 1" – *a fol.* 282 *et seq.*), il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija rilaxxata mill-imputat. Ovvjament il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni d-depozizzjoni moghtija mill-imputat f'dawn il-proceduri, liema depozizzjoni giet moghtija minnu minn jeddu u b'mod volontarju.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Koltivazzjoni tal-Pjanta *Cannabis*)</u>:**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkoltiva l-pjanta tal-*cannabis*. A skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghad-depozizzjoni moghtija mix-Xjenzat Godwin Sammut u taghmel riferenza wkoll ghar-rapport li gie mhejji mix-Xjenzat Godwin Sammut, f'liema rapport (Dok. "GS 1" – *a fol.* 87 *et seq.*) ix-Xjenzat Sammut wasal ghas-segwenti konkluzjoni:

> *"(a) Li fuq estratti mehuda mill-weraq ta' lewn ahdar li hemm fid-dokumenti 157_15_01 u 157_15_02 instabet is-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol</u>. Il-piz tal-weraq kien ta' <u>70.58 grammi</u> u l-purita' kienet ta' cirka <u>6.5%</u>. Il-pjanta tal-kannabis hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta".*

Apparti minn dan, fid-depozizzjoni moghtija minnu quddiem il-Qorti, l-imputat jixhed li fil-garaxx kellu sitt pjanti. Huwa spjega kif iddobba xi zerriegha biex irabbi l-*cannabis* hu u jkun jista' jpejjipha u

sahansitra jghid ukoll li beda jrabbieha kif bdew jghidulu u li anke ccekkja fuq *YouTube*.

Tenut kont ta' dan kollu jsegwi li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Aggravat ta' *Cannabis*)</u>:**
Illi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju ghandha taghmel numru ta' konsiderazzjonijiet fir-rigward tan-numru ta' pjanti tal-*cannabis* li nstabu fil-garaxx in kwistjoni. Il-Qorti tirrikonoxxi li filwaqt li l-Prosekuzzjoni tishaq li n-numru ta' pjanti li nstabu fil-garaxx kienu jammontaw ghal tnax, da parte taghha d-difiza, b'mod specjali fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 311 *et seq.*), taghmel numru ta' sottomissjonijiet rigward dawn il-pjanti, fosthom li tissottometti li anke meta kienet qed tittiehed l-istqarrija tal-imputat, l-iSpettur Investigattiv interrogatu fuq sitt pjanti u mhux tnax il-pjanta. Filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li aktar il-fuq inghad minnha li l-istqarrija rilaxxata mill-imputat ghandha tigi skartata pero' fl-istess waqt il-Qorti ma setghetx ma tinnotax li, kif tajjab rilevat id-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat, l-imputat gie mistoqsi dwar sitt pjanti u mhux tnax.

Illi l-Qorti tinnota li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sew id-deskrizzjoni tal-intern tal-garaxx hekk kif moghtija mill-ufficjali tal-Pulizija li marru fil-garaxx (u cioé li l-kamra kienet imdawwla b'dawl sospiz mis-saqaf u kienet infurrata bil-*foil*) u kif ukoll tas-shana deskritta mill-Perit Richard Aquilina tant li l-*camera* tar-ritratti tieghu bdiet tieqaflu bis-shana intensiva u tant li n-nuccali beda jittappan. Tenut kont ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma li hija gustifikata l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Justine Grech meta fid-depozizzjoni taghha tixhed li wara li kienu marru tal-forensika biex jiehdu xi ritratti, gie skopert ukoll li kien hemm sitt pjanti ohra li fit-total kienu tnax. Hija xehdet li bieb in kwistjoni ma setghux jindunaw bih mal-ewwel minhabba li l-*foil* beda jirrifletti bid-dawl.

Illi l-Qorti tinnota li fir-rapporti taghhom (Dok. "RA " – 51 *et seq.* u Dok. "SA 1" – *a fol.* 62) kemm il-Perit Richard Aquilina u kif ukoll PS 36 Sergio Azzopardi jelenkaw tnax il-pjanta bit-tul taghhom identici fiz-zewg rapporti. Tenut kont ta' dan u minkejja dak sottomess mid-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha fir-rigward tac-*chain of evidence*, il-Qorti ma ghandux ikollha dubju li n-numru ta' pjanti li kien hemm fil-garaxx in kwistjoni kienu tnax.

Illi stabbilit dan il-punt, il-Qorti tinnota li hasbet fit-tul dwar dak li l-imputat li jinsab akkuzat taht din l-imputazzjoni u dana *stante* li minn daqqa t'ghajn lejn dak li nstab fil-garaxx tal-imputat (u cioé b'mod partikolari ghat-tnax il-pjanta hemm misjuba) u ta' dak li jirrizulta mir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut wiehed *jista'* (erronjament), minghajr ma jikkonsidra l-assiem kollu tal-provi prodotti, jasal ghal konkluzjoni li dak li nstab fil-garaxx tal-imputat ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Pero' l-Qorti hija obbligata li tiehu in konsiderazzjoni dak **<u>kollu</u>** li jirrizulta fl-atti u d-dubju ghandu jimmilita favur l-imputat.

Illi din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **Lord Chief Justice Widgery** fil-kawza **R. v. Cooper** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-Artikolu tal-ligi Ingliza S. 2(1)(a) tal-*Criminal Appeal Act*, 1968):

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[1]

[1] *Vide* wkoll Blackstone's Criminal Practice (1991), p. 1392.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)
>
> Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

> "Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi, fir-rigward tal-kaz odjern, il-Qorti tinnota li f'dan l-istadju m'hemmx ghalfejn terga' ssir riferenza ghal dak li nstab fil-garaxx tal-imputat u ghall-konkluzjoni li wasal ghalihom ix-Xjenzat Godwin Sammut fir-rapport tieghu u dana *stante* li dan diga nghad aktar il-fuq f'din is-sentenza. Apparti dan, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta wkoll is-segwenti:

- Meta x-Xjenzat Godwin Sammut gie mistoqsi dwar valur, jghid li ma kienx gie nominat biex jindika l-valur u li fir-rigward ta' piz jghid li mir-rapport tieghu jirrizulta li hemm imnizzel 70.58 grammi ta' weraq tal-*cannabis*. Ghad-domanda: *"All right x'ifisser li kapaci jsir it-traffikar jew ghal personal use?"* (*a fol.* 250), wiegeb: *"Normalment huwa stabbilit li kull joint ikollu .2 gramma ta' weraq tal-cannabis jew inkella rezina tal-cannabis jigifieri jekk taghmel 70 division by .2 jaghtik l-ammont ta' joints li jista' johrog on average persuna li huwa naqra ammont imbaghad"* (*a fol.* 250). Dan ifisser li setghu jsiru 350 *reefers* jew *joints*.

- Fid-depozizzjoni moghtija minnu, l-imputat jispjega kif beda jiehu l-*cannabis* u kif u ghala rikbu l-vizzju. Spjega minn xiex kien jghaddi.

- L-imputat spjega wkoll kif huwa sar jaf kif ikabbar il-*cannabis*. Jishaq li ma kellux esperjenza ta' tkabbir. Mistoqsi jghid r-raguni ghala kien juza din il-pjanta, wiegeb: *"Bdejt inrabbieha biex inpejjipha jien. Imma fil-verita' bdejt inrabbieha ghalxejn, ghaliex? Ghax bniedem ipejjep ma jistax ipejjep il-weraq. Min jifhem*

*jaf x'jien nghid, trid tpejjep il-buds. Issa dawn il-buds ma kellhomx buds hlief tnejn. U jien kont nghid: "Imma dawn kif jista' jkun ma hargux il-fjura?". Allura kont qed inrabbiehom ghalxejn plus hekk kont nifqaghhom hafna bl-ilma ghax ma kontx naf kif ghandi nrabbiehom, bozoz minn ghand l-ironmongery"* (*a fol.* 190).

- Fil-kontro-ezami tieghu, meta l-imputat gie mistoqsi jghid ghala kellu tnax il-pjanta u mhux tnejn jew tlieta l-aktar jekk ried juzahom ghall-uzu personali tieghu, wiegeb li kellu sitt pjanti biss. Minkejja li dan il-punt gie sorvolat aktar il-fuq u l-Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet li kellha taghmel f'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota li l-imputat jixhed ukoll hekk: *"ghax staqsieni ghaliex inrabbi tnejn, mela meta jien bdejt inrabbi l-ewwel wahda bdiet tikber u l-buds ma hargux. Ppruvajt zerriegha ohra l-istess, u ergajt ippruvajt zerriegha l-ohra u l-istess. Sa erbgha ppruvajt u l-erbgha li huma ma hargux. Kull ma kien hemm bil-bud tnejn biss zewg pjanti. Ghaliex? Ghax imbaghad qisek tixba, dawn ma jiswew xejn. Tkellimt ma' persuna ohra u ara jekk tiftakarx, ghidtlek gabli zewg zerrieghat Sqalli"* (*a fol.* 197). Jghid li dan l-iSqalli kien hadlu zewg zerrieghat u li minn sitta kien hemm zewg pjanti bil-*buds* u li dawk biss kienu tajbin.

- Fis-*Social Inquiry Report* (Dok. "MFS 1" – *a fol.* 212 *et seq.*) redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler, l-Ufficjal tal-*Probation* imsemmi jghid, fost l-ohrajn, is-segwenti: *"Zammit spjega fid-dettall kif fil-passat, f'mumenti differenti f'hajtu, kien jabbuza mill-alkohol u mid-droga kannabis u kokajina. Ghalkemm wiehed japprezza l-onesta' ta' Zammit li fetah qalbu dwar il-passat difficli tieghu f'dak li jirrigwarda abbuz ta' sustanzi, seta' jigi nnutat illi huwa kemm il-darba ggustifika dan l-uzu minflok ha r-responsabbilta' shiha tal-azzjonijiet tieghu"* (*a fol.* 217). Jinghad ukoll: *"Mill-informazzjoni migbura jirrizulta li t-tfulija ta' Zammit kienet wahda mtappna minn diversi atti ta' swat, nuqqas t'attenzjoni ta' mhabba minn familtu fil-konfront tieghu. Dawn l-episodji, u l-fatt illi Zammit ma' thalliex igawdi tfulitu, certament kellhom effett fuq il-personalita' u l-formazzjoni ta' Zammit. L-imputat jistqarr dan huwa stess kif ukoll huwa ta' min jinnota kif Zammit jiftakar l-incidenti li kienu jinvolvu abbuz sal-anqas dettall. Jidher illi jkun ta' beneficcju ghal Zammit jekk huwa jfittex ghajnuna psikologika sabiex*

*jitratta mat-trawmi li garrab fil-passat, u jindirizza r-rabja li huwa jghid ihoss fil-konfront t'ommu"* (*a fol.* 217 *tergo*).

- L-Espert Psikologu Dr. Edward Curmi jghid hekk fir-rapport (Dok. "EC 1" – *a fol.* 282 *et seq.*) tieghu:

  *"Meta wiehed jithaddet mieghu fuq id-droga wiehed jista' jinnota li anki f'dan l-ambitu kellu problemi serji. L-ambjent li fih ghex Brian kien wiehed negattiv u ta' eta' zghira kien diga' beda jesperimenta bid-droga. Missieru kien jaghmilha ma' kumpanija hazina u kellu problemi serji specjalment fil-vizzju tal-loghob. Id-droga tal-ghazla tieghu dejjem kien il-Kannabis. Jghid li minhabba t-trobbija negattiva kellu hafna rabja kbira li qatt ma seta' inehhi. Haseb li d-droga kienet qed tghinu jinfexx r-rabja specjalment lejn missieru. L-effett tal-cannabis kien biex jikkalma u jirrilassa.*

  *Meta hareg mill-habs kien irnexxielu jwaqqaf il-vizzju ta' xorb u tal-loghob imma qabad il-vizzju li jpejjep id-droga cannabis. Nemmen li spicca kellu diffikolta' biex jikkontrolla dan il-vizzju ghax kien sar problema ta' natura psikologika u medika"* (*a fol.* 283 *tergo*).

Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha d-difiza tghid hekk: *"Illi fl-ebda hin jew post iehor li saret t-tfittxija ma' nstabu oggetti li huma normalment relatati ma' investigazzjonijiet ta' traffikar ta' droga bhal mizien, flus kontanti, dokumenti relatati mal-bejgh ta' droga jew oggetti lussuzi"*. Il-Qorti taqbel ma' dan. Il-Qorti zzid ukoll li l-atti processwali ma jikkontjenu l-ebda prova li l-imputat ghamel xi qligh finanzjarju jew kellu aspettativa ta' qligh finanzjarju mid-droga in kwistjoni. Ghall-kuntrarju mir-relazzjoni ta' Dr. John Seychell Navarro (Dok. "JSN 1" – *Envelope Loose*) jemergi illi l-imputat ma kellux xi assi ta' barra minn hawn. Il-Qorti tinnota wkoll li fl-atti ma jirrizultawx xi messaggi jew kuntatti permezz ta' telefon li l-imputat setgha kellu ma' terzi biex jispacca d-droga, u dana kif solitament jigri.

Illi meta l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li minkejja n-numru ta' pjanti ta' *cannabis* misjuba, fl-istess waqt il-Qorti tirrikonoxxi dak li nghad fis-sentenza

**Il-Pulizija vs. Brian Caruana** li saret riferenza ghaliha fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** kwotata hawn fuq, fejn il-Qorti sahqet li huwa l-Gudikant li jrid jasal ghal konvizjoni fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-imputat u li ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* dwar x'inhuma c-cirkostanzi indikattivi.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, wara li din il-Qorti rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-*cannabis* misjub fil-garaxx kien intiz ghall-ispacc. F'dan il-kaz, din il-Qorti ghandha dak il-*lurking doubt* li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-imputat. Konsegwentement, din il-Qorti mhijiex sodisfatta illi hemm provi sufficjenti li jindikaw illi d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat. B'hekk jirrizulta li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnha.

Illi minkejja li l-imputat ser jigi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u minkejja d-dubji li l-imputat qajjem, b'mod specjali fid-depozizzjoni tieghu fir-rigward ta' meta kien qed jigi investigat hekk kif instabu l-pjanti u sakemm gie mressaq taht arrest fil-Qorti, il-Qorti tinnota li ma ghandha **<u>xejn</u>** x'ticcensura fl-operat tal-Pulizija specjalment waqt it-tehid tal-istqarrija tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Semplici ta' *Cannabis*)</u>:**
Illi, tenut kont ta' dak li jirrizulta mill-atti processwali, b'mod partikolari mill-konkluzjonijiet raggunti fir-rapport (Dok. "GS 1" – *fol.* 87 *et seq.*) redatt mix-Xjenzat Godwin Sammut u ta' dak misjub u elevat jirrizulta li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata. B'hekk m'hemmx dubju li l-imputat ser jinstab hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Semplici ta' Kokajina)</u>:**
Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti tinnota li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 308 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni tishaq li

din l-imputazzjoni nghatat ghaliex l-imputat stqarr li kien jabbuza mill-kokajina. Jidher li dan jirrizulta mill-istqarrija (Dok. "JG 1" – *a fol.* 24 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat. Tenut kont ta' dak li nghad aktar il-fuq mill-Qorti fir-rigward tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat u tenut kont tal-fatt li fl-atti processwali ma jirrizulta xejn aktar fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ma tista' qatt issib lill-imputat hati taghha u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati li gew pruvati, il-Qorti tibda billi tinnota li fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Jibqa' pero` il-fatt inkwetanti tal-ammont ta' droga nvoluta, ammont li fih innifsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista' facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma' haddiehor."

Ghalhekk, f'dak il-kaz il-Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.

Il-Qorti tinnota wkoll li fis-sentenza taghha tat-13 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David John Buttigieg**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "…l-ammont involut, billi kien wiehed konsiderevoli, xorta wahda kien jipprezenta perikolu ghal terzi, ghax dejjem ikun hemm il-perikolu li min ikollu dik il-kwantita` jista' jasal biex joffri, anke jekk minghajr hlas, xi ftit minnha lil haddiehor li jkun hekk imhajjar. Fi kliem iehor, il-fatt li jkun hemm pussess semplici (cioé mhux aggravat) izda ta'

ammont sostanzjali ta' droga, ghandu, bhala regola, igorr mieghu xorta wahda l-piena ta' prigunerija".

Filwaqt illi din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb espost hawn fuq, fl-istess hin kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu. *Di fatti*, apparti li l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati;
- il-fedina penali (*a fol.* 7 *et seq.* u dik li tifforma parti minn Dok. "MFS 1" – *a fol.* 219 *et seq.*);
- dak li jirrizulta mis-*Social Inquiry Report* redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* u mir-rapport tal-Espert Psikologu Dr. Edward Curmi;
- it-trapass taz-zmien minn mindu sehhew il-fatti li taw lok ghal proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat sad-data tas-sentenza prezenti;
- il-fatt li jidher li l-imputat mixi fit-triq it-tajba;
- il-fatt li ser jigi applikat Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- il-fatt li l-*proviso* ta' Artikolu 22(1B) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

  *"Izda fil-kaz ta' koltivazzjoni jew importazzjoni f'dawk iċ-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik il-koltivazzjoni jew importazzjoni kienet ghall-uzu esklussiv tal-hati, id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation kif ukoll l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma jghoddux" [emfazi mizjuda].*

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa liema piena ser tkun tqarreb aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat

Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Taqsima III, Artikoli 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Brian Zammit hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' ghaxar (10) xhur prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2000.00).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' tlitt'elef, hames mija u tmienja u disghin Euro u sitta u sebghin centezmu (€3598.76).[2]

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li

[2] Perit Richard Aquilina (€230.93) (Dok. "RA" – *a fol.* 57); PS 36 Sergio Azzopardi (€62.90) (l-ahhar pagna ta' Dok. "SA 1" – *a fol.* 62); PC 302 Bryan Alken (€134.95) (it-tielet pagna ta' Dok. "BA 1" – *a fol.* 64); Xjenzat Godwin Sammut (€274.76) (Dok. "GS 1" – *a fol.* 92 *tergo*); Dr. John Seychell Navarro (€2195.22) (*a fol.* 57 ta' Dok. "JSN 1" – *Envelope Loose*); Dr. Edward Curmi (€700.00) (Dok. "EC 1" – *a fol.* 291 *tergo*).

jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**